# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Ċitazzjoni Numru: 4/2005 PC**

**Fortunato Farrugia, u**
**martu Jane Farrugia**

**vs**

**Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;**
**General Services Board u**
**Adelina Cini**

**Illum it-Tlieta, 4 ta' Diċembru 2018**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-konvenuta Cini kienet talbet lill-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar permess "to sanction the replacement of roof and store room at back and raising of party wall" (PA 05468/96);

Illi fit-28 ta' Mejju 2004, l-Awtorita' imsemmija ħarġet il-permess għal dan l-iżvilupp (Dok. A);

Illi l-atturi appellaw minn din id-deċiżjoni u l-appell tagħhom għadu pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli ta' l-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (Dok. B);

Illi tul il-proċeduri kollha li kienu qegħdin isiru quddiem id-DCC, l-atturi dejjem kienu infurmati u preżenti fejn dejjem ressqu l-oġġezzjoni tagħhom għal ħruġ tal-permess hawn fuq imsemmi u dan għal diversi raġunijiet, inkluż, iżda mhux biss, ksur tar-regolamenti sanitarji u tal-liġijiet tal-pajjiż;

Illi l-każ ġie riferut lil General Services Bord, u dan mingħajr ma l-atturi kienu nfurmati ħalli huma, kif kellhom kull dritt li jagħmlu, kienu jressqu l-oġġezzjoni validi tagħhom;

Illi dan il-Bord, mingħajr ma osserva l-iktar elementi bażiċi ta' ġustizzja naturali – u ċioe mingħajr ma semma' l-partijiet kollha involuti f'dan il-każ **inkluż** ukoll l-atturi bħala "objectors", qabad u ddeċieda billi jirrakkomanda l-ħruġ tal-permess, meta kull bord ieħor, **wara li sema' lil objectors** skont id-dettam tal-ġustizzja naturali, dejjem ċaħdu l-ħruġ tal-permess relattiv. Illi b'dan l-aġir hemm ksur pależ tad-dettami ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għalhekk minħabba dan in-nuqqas tal-General Services Board, inħareġ il-permess relattiv;

Illi oltre dan, l-atturi għadhom sal-lum ma jafux il-kontenut tad-deċiżjoni tal-General Services Board, u kull tentattiv tagħhom sabiex jakkwistaw kopja tal-istess deċiżjoni kien sal-lum kollu inutli. Illi b'dan in-nuqqas ta' notifika tad-deċiżjoni de quo qiegħed jiġi leż id-dirtt ta' l-atturi li jappellaw minn tali deċiżjoni fiż-żmien mogħti lilhom skont il-liġi. Illi l-atturi mhux talli ma ġewx notifikati bl-imsemmija deċiżjoni tal-General Services Board, talli l-konvenut Suprintendent tas-Saħħa qiegħed jagħmel kull mezz possibbli saibex huma ma jiġux notifikat b'din id-deċiżjoni u għaldaqstant l-istess konvenut qiegħed jikser il-liġijiet viġenti tal-pajjiż u qiegħed iqiegħed lili passabbli għad-danni. Illi lanqas biss ma l-atturi jafu bid-data meta ngħatat din id-deċiżjoni mill-General Services Board.

Illi l-atturi intimaw lill-konvenut Suprintendent tas-Saħħa, iżda minkejja li dan ġie interpellat kemm bonarjament u kemm uffiċċjalment, sabiex jirretifika dan l-iżball, huwa baqa' inadempjenti (Dok. C u D);

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-General Services Board ma osservax il-prinċipji tal-ġustizzja naturali metaq huwa ta' d-deċizjoni tiegħu;

2. Konsegwentement tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-General Services Board u terġa tqiegħed lill-partijiet fl-istat li kienu oriġinarjamnent qabel ma ngħatat id-deċiżjoni relattiva;

3. Tordna lil General Services Board sabiex jisma x'għandhom xi jgħidu l-atturi, ossia l-oġġezzjonijiet tagħhom, ħalli mbagħad ikun jista' jasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li jkun sema' lill-partijiet kollha involuti fil-każ u dan skont id-dettami tal-ġustizzja naturali;

4. Tagħti dawk il-provvedimenti u diretti oħra li jdhrulha xierqa u opportuni f'dan il-każ.

Bl-ispejjeż inkluż dik ta' l-ittra uffiċċjali datata 17 ta' Diċembru 2004 kif ukoll bl-inġunzjoni tal-konvenuti li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni.

B'riserva għal kull azzjoni ta' danni kontra l-konvenuti jew minn minnhom.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Jane Farrugia.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Supretendent tas-Saħħa Pubblika u General Services Board li eċċepew:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Ġenerali biċ-ċitazzjoni ai termini tal-artikolu 181B (3) tal-Kap. 12;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-azzjoni hija tardiva stante li skada t-terminu ta' sittu xhur mogħti biex jinbdew dawn il-proċeduri mill-artikolu 469A (3) tal-Kap. 12;

3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, stante li jeżisti dritt t'appell lill-Qorti tal-Appell mid-deċiżjoni tal-General Services Board ai termini tal-artikolu 102(6) tal-Kap. 10, u stante li t-talbiet huma kollha bbażati fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12, din l-azzjoni hija rritwali u nulla a bażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12;

4. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur fil-konfront taql-konvenuti esponenti, stante li l-General Services Board ikollu relazzjoni biss mal-applikant li f'dan il-każ ma kienux l-atturi;

5. Illi fil-mertu kemm is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika kif ukoll il-General Services Board aġixxew skont il-liġi f'kull stadju ta' dan il-każ u għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom.

Salvi eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti debitament ikkonfermata bil-ġurament.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta Adelina Cini li permezz tagħha eccepiet:

1. Illi in linea preliminari, hemm in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12;

2. Illi fil-mertu u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;

3. Illi m'hemm xejn irregolari fl-operat tal-General Services Board li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-file relattiv għall-permess tal-iżvilupp PA5468/96, flimkien mal-ilmenti u d-dokumenti kollha li kienu ġia' saru u li ġew sottomessi mill-atturi u l-permess mogħti mill-Awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar inħareġ b'mod regolari u skont il-liġi u nħareġ ukoll bla preġudizjzu għad-drittijiet ċivili ta' terzi fosthom tal-atturi li jekk verament għandhom dan id-drittijiet, huma għandhom u għad baqgħalhom kull rimedju legali quddiem il-Qrati ordinarji sabiex jippruvaw dawn id-drittijiet, ħaġa li l-konvenuti għadhom sal-lum ma għamlux;

4. Illi l-aġir tal-atturi huwa wieħed purament vessatorju u ntiż biex ifixkel lill-eċċipjenti fit-tgawdija tad-drittijiet tagħha u milli tiżviluppa l-propjeta' tagħha skont il-permess tal-iżvilupp mogħti lilha mill-Awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar li jġib in-numru PA5468/96;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta minnha debitament ikkonfermata bil-ġurament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2009, li ċaħdet talba tal-atturi biex jiġi revokat digriet ta' din il-Qorti tat-31 ta' Jannar 2008 li bih iddiferiet il-kawża *sine die* riappuntatbbli fuq talba ta' xi ħadd mill-kontendenti, wara li jiġu terminati b'mod definittiv il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell ta' dak li dakinhar kienet l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA).

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 2012 fejn laqgħet it-talba tal-atturi sabiex tiġi riappuntata għas-smiegħ din il-kawża, wara li kienu ġew terminati dawn il-proċeduri.

Rat il-verbal tal-atturi tat-13 ta' Frar 2018 fejn ċedew il-mertu tal-kawża billi dan kien eżawrit, u żammet ferm il-kap tal-ispejjeż.

Rat li fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2018 ġew ippreżentati kapitoli għas-subizzjoni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, li dakinhar naqas li jattendi għal dik l-udjenza.

Rat li peress li s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika reġgħet naqset li tidher għall-udjenza sussegwenti tal-10 ta' Ottubru 2018, infetħu dawn il-kapitoli u d-domandi in subizzjoni li saru lis-Supretendent tas-Saħħa ġew dikjarati ammessi.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat illi:

Permezz ta' din il-kawża l-atturi ttenetaw jiksbu dikjarazzjoni li deċiżjoni tal-General Services Board li dakinhar kien jaqa' taħt id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, u li a bażi tagħha inħareġ permess tal-bini lill-konvenuta Adelina Cini, tiġi dikjarata nulla, u dana peress li allegaw li ma kienux ġew osservati l-prinċipji tas-smiegħ xieraq billi huma ma ngħatawx l-opportunita' jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom qabel ma ttieħdet dik id-deċiżjoni.

Ġara illi fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża, dan il-permess tal-bini laħaq skada, u għalhekk l-atturi fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2018 ċedew il-mertu tal-kawża u żammew ferm il-kap tal-ispejjeż.[1]

In segwitu fl-udjenza sussegwenti l-atturi ipprezentaw kapitoli għas-subizzjoni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, li dakinhar naqas li jattendi għal dik l-udjenza.[2]

[1] Ara verbal ta' dik l-udjenza a fol. 510 tal-proċess

Rat li peress li s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika reġgħet naqset li tidher għall-udjenza sussegwenti tal-10 ta' Ottubru 2018, infetħu dawn il-kapitoli u d-domandi in subizzjoni li saru lis-Supretendent tas-Saħħa ġew dikjarati ammessi.

Permezz ta' dawn id-domandi l-atturi riedu jippruvaw:

*"1. Illi l-General Services Board kien jaqa' taht il-mansjoni tas-Supretendenza tas-Sahha Pubblilka meta kien jisma' u jiddecidi kwistjonjiet dwar appelli minn rifjut ta' permessi ta' bini minhabba kwistjonijiet sanitarji;*

*2. illi l-atturi kienu partijiet interessati (third party objectors) fl-applikazzjoni ghall-hrug tal-permess mill-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar bin-numru: PA 05468/96);*

*3. illi huma qatt ma gew notifikati la bl-appell li kien gie ntavolat quddiem il-General Services Board mill-konvenuta l-ohra Adelina Cini u wisq anqas huma qatt ma gew notifikati la bil-proceduri u lanqas sal-gurnata tal-llum bid-decizjoni tal-General Services Board mehuda fl-applikazzjoni PA 05468/96."*

Din is-sentenza, in vista taċ-ċessjoni tal-mertu, tirrigwarda biss il-kap tal-ispejjeż.

Huwa minnu illi l-liġi bl-artikolu 698(2) tal-Kap. 12, tipprovdi għal ammissjoni u aċċettazzjoni tal-kapitoli "**jekk il-parti li lilha tingħata s-subizzjoni tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tħalli s-smigħ tal-kawża, mingħajr ma ġġib raġuni tajba li għaliha tkun naqset li tidher..."**

Imma din it-tip ta' prova hija waħda eċċezzjonali, li kontra r-regola normali u fl-assenza tal-parti msejħa għas-subizzjoni li tidher, tippresumi s-silenzju tagħha bħala ammissjoni tal-ħtija jew debitu tagħha.

L-insenjament ta' diversi ġuristi in materia huwa fis-sens illi:

!... *il valore della tacita confessione, emergente dalla non comparizione (non giustifikata) o dal rifiuto di rispondere della parte a cui sono dedotti gli interrogatori, non deve, ne' puo' essere uguale a quello della confessione espressa – Per vero, in questa noi abbiamo un'esplicita dichiarazione di volonta', la quale, se accettata dalla parte contraria, ha siccome vedemmo, un valore logico e convenzionale. All'contraio, nella confessione tacita manca ogni elemento, ogni idea di convenzione, essa e' soltanto un'induzione, che si trae da un fatto a malgrado dell'autore del fatto medesimo. Il legislatore interpreta il fatto della non comparizione e del rifiuto di risponere come una prova della verita' del fatto dedotto ad interrogatorio: e percio potra' essere combattuta coi mezzi della prova dell'errore, cosi' di fatto, come di diritto, che sia stato causa del rifiuto di comparire o di rispondere, e in genere col mezzo di qualunqe prova contraria*." [3]

Din tidher li hija wkoll il-posizzjoni li ħadu l-qrati tagħna. Hekk insibu jingħad illi:

"*...rigward il-valur probatorju tal-kapitoli li, ghalihom l-istess atturi ... ma rrispondewx minghajr sal-lum ma ggustifikawx il-kontumacja, il-Qorti tosserva, li veru skond l-artiklu 698(2) Procedura Civili, il-kapitoli jitqiesu konfessati, izda dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata*

[2] Ara verbal tal-udjenza tad-9 ta' Mejju 2018 a fol. 517
[3] Ricci: Procedura Civile, para. 797

*toqgħod dejjem fuq dik il-presunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova u għandha tigi ezaminata u valjata bhal u flimkien mal-provi l-ohra tal-kawza. Diversament tinholoq l-asssurdita' li l-provi l-ohra, attendibbli kemm jista' jkun, ikollhom icedu quddiem is-subizzjoni, anke jekk jirrizulta li r-rispoti moghtija ghall-kapitoli huma foloz...Din tidher li hija l-fehma tal-legislatur malti (art.694(3) tal-Procedura Civili). Din hija wkoll l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati taghna, li bbazat ix-xindibilita' tar-risposti fis-subizzjoni fuq il-kriterju tal-kredibilita' (Kollez. XIX.i.208) u hallietha ghalhekk ghall-'criterio morale della corte' (Kollez.VII.451). Del resto il-konfessjoni naxxenti mill-kapitoli hija biss presunta, u tista' tikkostitwixxi l-prova unika u inkonklusa, fil-kaz biss li ma jkunx hemm provi ohra 'dalle quali possa esserne indebolito il valore'."* [4]

Fil-każ in eżami, din il-Qorti fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2018 ddikjarat dawn il-kapitoli bħala ammessi,[5] u dana peress illi, apparti l-fatt li l-konvenuta Supretendent tas-Saħħa Pubblika kien ilha żmien twil ma tattendi għall-udjenzi f'din il-kawża, tul is-snin kollha li ilha pendenti l-kawża, ma tressqet ebda prova da parti tagħha li tista' tiġġustifika l-aġir tal-General Services Board, li kien jaqa taħt id-dikasteru tad-Dipartiment tas-Saħħa meta ttieħdet id-deċiżjoni mill-istess Bord, li qabad u għadda biex jittratta u jiddeċidi l-każ, mingħajr ma ngħatat l-opportunita' lill-atturi li jsemmgħu leħenhom dwar il-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-permess tal-bini li kienet għamlet Adelina Cini.

Għaldaqstant tiddeċidi dwar il-kap tal-ispejjeż billi tordna illi, apparti dawk deċiżi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2009, l-ispejjeż l-oħra għandhom jiġu ssoportati mill-konvenuta Supretendent tas-Saħħa Pubblika.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[4] P.A. Tabib Dr. Antonio Zammit et. v. Francesco Pace et. vol. XXXVI.ii. 484
[5] Ara vebal tal-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2018